PUBLIC
INTEREST
LITIGATION
NETWORK

27 Lulju 2023

Ministru ghal Gustizzja

Dr Jonathan Attard

Ministeru ghal Gustizzja

Auberge d'Aragon,

Misrah Indipendenza,

Valletta

**Reazzjoni tal-familja għall-Abbozz tat-Termini ta' Referenza tal-Inkjesta Pubblika wara l-mewt ta' Jean Paul Sofia.**

Inkarigata naghmel referenza ghall-abbozz tat-termini ta' referenza li ġew mgħoddija lill-ġenituri ta' Jean Paul Sofia mill-Ministru għal Ġustizzja, Dr Jonathan Attard. Huwa talab ir-reazzjoni tagħhom, li qegħda tiġi ppreżentata f'dan id-dokument li jinkludi l-pożizzjoni tagħhom kif ukoll proposti b'emendi għall-abbozz tat-termini ta' referenza.

**Il-Pozizzjoni tal-Familja**

*1.0 Sejħa għal Inkjesta Pubblika*

Is-sejħa għal inkjesta pubblika li saret matul dawn l-aħħar tmin xhur konsistentement kellha żewġ għanijiet.

L-ewwel għan kien dak li tikseb ġustizzja għal Jean Paul. F'dan ir-rigward, il-ġenituri konsistentement sostnew li waqt li l-ġustizzja penali kellha titħalla f'idejn il-qrati, kellha tiġi stabbilita inkjesta pubblika sabiex tinvestiga jekk kienx hemm nuqqasijiet legali jew amministrattivi. L-eżistenza o meno ta' nuqqasijiet jew difetti għandu jiġi investigat fir-rigward ta' kull aspett li bih entitajiet pubbliċi jew rappreżentanti tal-iStat huma konnessi ma' proġett. Għalhekk l-investigazzjoni trid issir ukoll minn diversi aspetti. Dawn jinkludu: l-proċess li bih ġiet assenjata propjetà pubblika lil terzi għal iżvilupp, l-aġir ta' INDIS, ir-rwol ta' Malta Enterprise fl-approvazzjonijiet maħruġa, ir-rwol ta' entitajiet relatati mal-kostruzzjoni, żvilupp u pjanar, inkluż l-irwol u l-kapaċità ta' awtoritajiet responsabbli mis-saħħa u s-sigurtà u ukoll mis-salvataġġ meta jseħħu inċidenti, inkluz il-hidma u l-kontribut ta' professjonisti.

It-tieni għan huwa li tiġi stabbilita struttura regolatorja u amministrattiva kapaċi tipprevjeni l-imwiet u leżjonijiet fuq persuni, u b'hekk jiġi ridott in-numru ta' vittmi. Il-mewt ta' Jean Paul Sofia ma kienx inċident ta' darba biss. Mewtu seħħet fost serje ta' traġedji li seħħew f'dawn l-aħħar snin u li jinkludu imwiet u leżjonijiet fuq diversi persuni. Inkjesta pubblika mibdija b'sens ta' ġustizzja ma' Jean Paul Sofia ma tistax tinjora l-kuntest li seħħet fih. Konsegwentement, is-sejħa għal inkjesta pubblika għandha l-għan li tipprovdi lill-bord maħtur b'termini ta' referenza wiesgħa biżżejjed sabiex ittihom is-setgħa li jinvestigaw l-istadji differenti li jwasslu għall-ippjanar, l-iżvilupp u l-kostruzzjoni ta' proprjetà,

The PILN is funded by the Daphne Caruana Galizia Foundation, a registered non-profit advocacy and civil rights organization in Malta, with enrollment number VO/1633 and foundation number LPF-280.
contact@daphne.foundation

kemm fiċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll b'mod ġenerali, u sabiex ikunu jistgħu jinvestigaw dan minn aspetti differenti hekk kif ikun jidhrilhom xieraq.

Is-sejħa tal-familja għal inkjesta pubblika hija msejsa fuq il-mewt traġika ta' Jean Paul fil-kuntest ta' serje ta' traġedji u leżjonijiet li seħħew waqt proġetti ta' żvilupp. L-investigazzjoni tal-inkjesta pubblika tkun difettuża jekk tikkunsidra l-mewt ta' Jean Paul bħala inċident singulari u iżolat, u jekk ma tinvestigax il-mertu minn kull angolu relevanti.

## 2.0 *Fokus tal-Inkjesta Pubblika*

Artiklu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea tobbliga lill-iStat sabiex jipprevjeni riskju fuq il-ħajja. Fiċ-ċirkostanzi taħt kunsiderazzjoni dan jitlob investigazzjoni dwar jekk l-iStat addottax regolamentazzjoni addattata għall-karatteristiċi tal-attività inkwistjoni u adatta sabiex tindirizza l-potenzjal ta' riskju ta' kwalunkwe korriment. Dan jinkludi investigazzjoni dwar jekk ir-regolamentazzjoni dwar per eżempju liċenzjar, set-up, operazzjoni, sigurtà u superviżjoni tal-attività kienitx raġonevolment suffiċjenti. Jinkludi ukoll jekk kienx hemm obbligi imposti b'regolamenti u infurzati, li jobbligaw it-teħid ta' miżuri prattiċi sabiex jassiguraw protezzjoni effettiva tal-persuni li ħajjithom tkun qegħda titqiegħed f'riskju ta' periklu konsegwenti għar-riskji inerenti fl-attività. Inoltre, l-iStat huwa obbligat jidentifika nuqqasijiet jew difetti fil-proċessi relatati u kwanlunkwe żbalji jew irregolaritajiet kommessi minn dawk responsabbli f'kull livell.

L-Inkjesta ma ġietx mitluba sabiex tikkunsidra biss jekk ġewx imħarsa l-liġijiet u l-policies pertinenti għal dan il-każ partikolari, iżda ukoll sabiex tinvestiga jekk f'kull stadju relevanti għall-każ partikolari ġewx segwiti r-regoli ta' governanza xierqa, u jekk dawn humiex raġonevolment suffiċjenti sabiex jindirizzaw ir-riskju fuq il-ħajja.

La darba l-għan tal-inkjesta imur oltre jekk l-awtoritajiet relevanti qdewx il-liġi, it-termini ta' referenza ma jistgħux ikunu tali li jillimitaw lill-Bord sabiex jinvestiga dan biss. Il-Bord għandu jitħalla liberu sabiex jiddetermina huwa stess il-perspettivi u l-aspetti kollha relevanti għall-investigazzjoni tiegħu.

Għal dan il-għan, it-termini ta' referenza ma jistgħux ikunu tali li ma jippermettux l-investigazzjoni tal-obbligi tal-iStat fil-firxa wiesgħa tagħha. Il-familja qegħda tipproponi emendi għal dawk it-termini indikati fl-abbozz f'paragrafi 1 sa 5.

## 3.0 *Access għal Procès-verbal*

Aċċess għal *procès-verbal* huwa regolat mil-liġi. Il-familja ma tikkunsidrax il-pubblikazzjoni tal-*procès-verbal* mill-Prim'Ministru b'mod pożittiv, u tikkunsidraha bħala tentattiv sabiex tiġi kkundizzjonata l-inkjesta pubblika.

Waqt li qari tal-*procès-verbal* għandu mnejn ikun ta' assistenza għall-Bord, jekk, meta u kif dak il-*procès-verbal* jiġi kkunsidrat mill-Bord għandu jiġi determinat mill-Bord. Li t-termini ta' referenza jimponu fuq il-Bord obbligu li jibda l-inkjesta billi jieħu inkonsiderazzjoni l-*procès-verbal* jikkundizzjona b'mod improprju u mhux meħtieġ lill-inkjesta pubblika, u jġib il-ħidma tagħha viċin dawk il-proċeduri penali li jinsabu pendenti.

### 4.0 *Inkjesta Pubblika Indipendenti u Imparzjali*

Il-familja ma għandha l-ebda raġuni biex tiddubita l-esperjenza professjonali tal-membri proposti. Iżda titlob li l-inkjesta tkun 'l bogħod minn kull fattur estern u intern li jista' jtappan xogħolha. Dan jitlob li t-termini ta' referenza ma jqegħdux dubbju ta' subordinazzjoni ta' jew indħil estern fuq il-Bord. Jirrikjedi ukoll li l-membri tal-Bord ma jkollhom l-ebda kunflitt jew dell ta' kunflitt fil-ħatra tagħhom. Dan huwa meħtieġ sabiex jiġi protett ix-xogħol tal-inkjesta minn kull mistoqsija jew dubbju mhux biss fil-bidu tal-proċess, iżda ukoll matulu u wara li jkun konkluż.

### 4.1 *Integrità tal-Proċess*

Sabiex tiġi protetta l-integrità tal-proċess fl-intier tiegħu, u waqt li jesprimu fiduċja fil-kompetenza u professjonalità tal-membri proposti, il-familja tesprimi r-riżervi tagħha dwar il-potenzjal ta' kunflitt tal-persuni nominati fid-dawl ta' rwoli oħra li huma jaqdu. Il-familja tawgura li r-riżerva tagħha f'dan ir-rigward tiġi indirizzata qabel ma tibda l-inkjesta.

Qed jiġi propost li fejn il-liġi tipprovdi proċeduri li adegwatament jindirizzaw din is-sitwazzjoni, dawn il-proċeduri għandhom jiġu segwiti. Fejn ma hemmx proċeduri preskritti, għandu jiġi ottenut u preżentat parir legali fuq il-kwistjoni, jew għandu jiġi ddikjarat il-kunflitt.

### 4.2 *Perjodu ta' Żmien u l-Approvazzjoni tal-Prim'Ministru*

Inkjesta indipendenti u imparzjali ma tkunx suġġetta għad-diskrezzjoni tal-Prim'Ministru dwar jekk hemmx raġunijiet li jiġġustifikaw li l-Bord jieħu aktar żmien minn dak preskritt mill-eżekuttiv sabiex jikkonkludi xogħlu. L-inkjesta għandha tinvestiga lill-eżekuttiv. Hija għalhekk diffiċli taċċetta li l-Prim'Ministru irid jagħti l-approvazzjoni lill-Bord biex dan tal-aħħar ikun jista' jieħu z-żmien raġonevolment meħtieġ biex imexxi inkjesta li taqdi l-iskop tagħha.

Inoltre, sabiex jiġu milħuqa l-għanijiet fuq imsemmija, il-Bord għandu bżonn aktar minn xahrejn biex jikkonkludi il-ħidma tiegħu. Waqt li l-familja tixtieq tara proċess spedit, ma jaqblux ma proċess mgħaġġel li jista' biss iwassal sabiex itellef it-twettiq tal-ħidma tal-Bord.

Għal din ir-raġuni, il-familja qed jipproponu li l-bord jingħata terminu inizjali ta' ħames xhur, li jiġi estiż billi l-Bord jagħti avviż ta' dan lil Prim'Ministru, f'liema avviż jindika ir-raġunijiet għalfejn il-ħidma tal-Bord qed tmur oltre t-terminu inizjali u jagħti rendikont ta' xogħolu.

### 4.3 *Pubblikazzjoni tar-Rapport*

Waqt li l-familja tifhem li l-Prim'Ministru jirrikjedi tlett ijiem sabiex jippubblika r-rapport tal-Bord, jirrakkomandaw u jsostnu li l-Bord għandu jkollu l-obbligu li jagħmel avviż pubbliku fejn jinforma li huwa kkonkluda ħidmitu u ħejja r-rapport tiegħu, u li huwa ta kopja tar-rapport lil Prim'Ministru. Il-Bord għandu jkun obbligat jagħti kopja lill-familja ta' Jean Paul Sofia fl-istess ġurnata li jagħti kopja lil Prim'Ministru.

### 4.4 *Proċeduri u Rapport Pubbliku*

The PILN is funded by the Daphne Caruana Galizia Foundation, a registered non-profit advocacy and civil rights organization in Malta, with enrollment number VO/1633 and foundation number LPF-280.
contact@daphne.foundation

Il-familja jaqblu li sabiex tiġi assigurata l-integrità tal-inkjesta pubblika, l-proċeduri għandhom ikunu aċċessibbli għal pubbliku u jinżammu bil-miftuħ, filwaqt li r-rapport finali tal-Bord għandu jiġi ppubblikat fl-intier tiegħu. Jifhmu ukoll li jista' jkun hemm raġunijiet xierqa li jitolbu li xi parti tal-proċeduri jew tar-rapport finali ikunu suġġetti għal xi forom differenti ta' protezzjoni kontra l-iżvelar. Jemmnu però li tali restrizzjonijiet fuq il-pubblikazzjoni għandhom ikunu mhux biss sostnuti b'raġunijiet xierqa iżda ukoll għandhom ikunu limitati, u determinati mill-Bord.

Huwa għalhekk li l-familja qeda tipproponi li jkun il-Bord stess li jiddetermina l-limitazzjoni fuq il-pubblikazzjoni tar-rapport finali u fuq iċ-ċaħda ta' aċċess għal pubbliku tal-proċeduri, u li dan isir f'parametri determinati fit-termini ta' referenza.

4.5 *Esperti jew tekniċi indipendenti u imparzjali*

Il-familja taqbel li l-Bord ikollu l-fakultà jaħtar persuni biex jassistuh. Anzi ssostni li dawn jistgħu ikunu mhux biss persuni sabiex jassistu b'mod amministrattiv, tekniċi jew esperti, izda anke persuni li jassistu lill-Bord fir-riċerka. Tinsisti però li kull persuna maħtura għandha hi ukoll tkun indipendenti u imparzjali.

4.6 *Dritt ta' Aċċess għall-Informazzjoni*

Inkjesta Pubblika ma tistax taqdi l-iskop tagħha mingħajr ma jkollha aċċess għall-informazzjoni li teħtieġ. Billi l-mansjoni tagħha hija li tinvestiga aġir, deċiżjonijiet, proċeduri u proċessi amministrattivi jew tal-eżekuttiv, il-Bord għandu jkollu aċċess għal dik l-informazzjoni li huwa jqis relevanti u li tkun għand xi entità tal-iStat.

4.7 *Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Bord*

Inkjesta Pubblika tkun verament kapaċi ġġib bbidla effettiva meta jkollha mezz almenu tieħu kont ta' liema mir-rakkomandazzjonijiet tagħha ġew implimentati. Għal dan il-għan qiegħed jiġi propost li l-Bord jingħata din il-fakulta, tramite z-zieda ta' paragrafu ġdid.

**Lista ta' Emendi Proposti għat-Termini ta' Referenza**

*L-ewwel faċċata, l-ewwel paragrafu:*

L-ebda emenda proposta.

*L-ewwel faċċata, t-tieni paragrafu:*

Qed jiġi propost li dan il-paragrafu jiġi mħassar kollu.

The PILN is funded by the Daphne Caruana Galizia Foundation, a registered non-profit advocacy and civil rights organization in Malta, with enrollment number VO/1633 and foundation number LPF-280.
contact@daphne.foundation

PUBLIC
INTEREST
LITIGATION
NETWORK

*L-ewwel u t-tieni faċċata, Paragrafi numerati 1 sa 5 għandhom jiġu emendati kif ġej:*

1. Fil-kuntest ta' x'ġara qabel, matul u wara l-mewt ta' Jean Paul Sofia, jiġi investigat jekk l-iStat falliex milli jkollu fis-seħħ u milli jassigura l-infurzar tal-istess regolamenti, policies, proċessi u obbligi amministrattivi, miżuri operazzjonali preventivi, kapaċi jipproteġu ħajjet u saħħet il-persuni fi/waqt/matul proġetti ta' ppjanar, żvilupp u kostruzzjoni;

2. Sabiex jiġi investigat jekk mizuri adegwati ghall-prevenzjoni ta' fatalitajiet u korriment minħabba l-iżvilupp u l-kostruzzjoni humiex serjament integrati fil-proċess relatat u/jew relevanti ma' proġetti tal-ippjanar, żvilupp u l-kostruzzjoni, kif ukoll fl-evalwazzjoni u stharrieg tal-applikazzjonijiet ta' zvilupp u pjannar;

3. Sabiex jiġi investigat jekk il-liġijiet u l-proċessi amministrattivi li jirregolaw l-allokazzjoni ta' assi pubbliċi lil terzi persuni/entitajiet u l-approvazzjoni mogħtija sabiex jingħata l-inkarigu għal attivitajiet/xogħlijiet/proġetti industrijali jilħqux l-istandards ta' governanza tajba fl-amministrazzjoni pubblika u jekk humiex suffiċjenti biex jassikuraw ambjent li jnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' mewt jew korriment matul l-istess proġetti. Ukoll sabiex jiġi investigat jekk hemmx kapacita suffiċjenti u raġonevoli li tindirizza l-htiġijiet ta' salvataġġ f'kaz ta' inċidenti;

4. Sabiex jiġi investigat jekk il-proċess tar-regolarizzazzjoni tal-ippjanar, l-iżvilupp u l-kostruzzjoni għandux fi ħdanu liġijiet, policies, regolamenti, proċessi amministrattivi u miżuri operazzjonali preventivi denji/kapaċi jeliminaw kemm jistgħu r-riskju ta' mewt jew korriment;

5. Sabiex jiġi investigat jekk kienx hemm aġir irregolari, ommissjonijiet jew negliġenza minn u fi ħdan entitajiet Statali inkluż dawk involuti fl-ippjanar, żvilupp u kostruzzjoni li iffaċilita jew xekkel milli jiġi evitat il-mewt ta' Jean Paul Sofia. Partikolarment jekk kienx hemm xi entità tal-iStat li naqset milli tieħu passi/azzjoni fil-parametri tal-poteri tagħha, li f'ġudizzju raġjonevoli, tkun mistennija tieħu sabiex tnaqqas ir-riskju ta' korriment;

6. Sabiex jitressqu dawk ir-rakkomandazzjonijiet, kemm regolatorji kif ukoll amministrattivi – skont id-deċiżjoni tal-Bord, sabiex tiġi integrata b'mod sħiħ il-protezzjoni tal-hajja tal-persuni minn riskji ta' korriment u saħħa.

*It-tieni faċċata, t-tielet paragrafu*

L-ebda emenda proposta.

*It-tieni faċċata, r-raba paragrafu*

Qed jiġi propost li dan il-paragrafu jiġi emendat kif ġej:

L-Inkjesta pubblika għandha titmexxa f'waħda mill-awli tal-bini tal-Qorti u ssir bil-miftuħ. Iżda l-Bord għandu l-fakultà li jirrestrinġi l-aċċess tal-pubbliku għal informazzjoni, xhieda jew dokumenti mogħtija

The PILN is funded by the Daphne Caruana Galizia Foundation, a registered non-profit advocacy and civil rights organization in Malta, with enrollment number VO/1633 and foundation number LPF-280.
contact@daphne.foundation

PUBLIC INTEREST LITIGATION NETWORK

lilu. Tali restrizzjoni fuq l-aċċess tal-pubbliku tista' sseħħ fuq deċiżjoni tal-Bord wara li dan iqis dik l-informazzjoni bħala waħda li hija kunfidenzjali fit-termini tal-liġi, jew li l-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni hija strettament neċessarja sabiex jipproteġi s-sigurtà u d-drittijiet tax-xhieda, is-sigurtà nazzjonali u informazzjoni sensittiva oħra, u sabiex ma jippreġudikax proċeduri oħra.

In oltre, l-Bord għandu d-diskrezzjoni li limitatament jirrestrinġi l-iżvelar u l-publikazzjoni ta' dawk il-partijiet tar-rapport li jkun jikkunsidra neċessarji sabiex jissalvagwardja protezzjoni tad-data, d-drittijiet tax-xhieda, s-sigurtà pubblika, sigurtà nazzjonali, jew proċeduri pendenti quddiem il-qrati.

F'każ li l-Bord jiddeċiedi li huwa meħtieġ li partijiet mir-rapport finali ma jiġux ippubblikati, huwa għandu jindika l-istess partijiet lil Prim'Ministru.

In oltre, f'każ li jsir hekk, il-Bord ikun obbligat li jipprovdi lill-familja ta' Jean Paul Sofia bl-opportunità li taqra r-rapport sħiħ mingħajr restrizzjonijiet, mingħajr però ma jingħataw kopja tal-partijiet redatti, u dan taħt obbligu ta' kunfidenzjalità f'dak ir-rigward.

*It-tieni faċċata, ħames paragrafu*

L-ebda emenda proposta.

*It-tieni faċċata, s-sitt paragrafu*

L-ebda emenda proposta.

*It-tieni faċċata, s-seba paragrafu*

Qed jiġi propost li dan il-paragrafu jiġi emendat kif ġej:

Il-Bord għandu jagħmel ħiltu sabiex jikkonkludi xogħlu fi żmien ħames (5) xhur mid-data ta' din il-ħatra, dan però mingħajr preġudizzju għal qadi komplet u adegwat ta' dawn it-termini ta' referenza. F'każ li l-Bord jara l-ħtieġa li jkompli ħidmitu oltre t-terminu oriġinali ta' ħames (5) xhur, huwa għandu jinforma 'l Prim'Ministru b'dan, jiddikjara r-raġunijiet ġustifikati għal tali estensjoni, u jagħtih rendikont tax-xogħol li jkun diġà wettaq.

Mal-konklużjoni tar-rapport tiegħu, l-Bord ta' Inkjesta għandu jagħti (i) kopja tar-rapport finali lil Prim' Ministru, (ii) jagħmel avviż pubbliku li huwa kkonkluda r-rapport u li kopja tiegħu ġiet mogħtija lil Prim Ministru, u (iii) jagħti kopja tar-rapport finali lil familja ta' Jean Paul Sofia.

Il-Prim'Ministru għandu jippubblika r-rapport fi żmien tlett (3) ijiem mid-data meta jirċievi r-rapport finali mill-Bord tal-Inkjesta, b'dan illi kemm il-darba f'għeluq it-terminu ta' tlett (3) ijiem huwa ma jkunx wettaq dik il-pubblikazzjoni, il-Bord ikun obbligat jippubblika r-rapport finali tiegħu. Il-Prim' Ministru huwa ukoll obbligat li jqiegħed ir-rapport finali tal-inkjesta fuq il-mejda tal-Kamra tar-

The PILN is funded by the Daphne Caruana Galizia Foundation, a registered non-profit advocacy and civil rights organization in Malta, with enrollment number VO/1633 and foundation number LPF-280.
contact@daphne.foundation

PUBLIC INTEREST LITIGATION NETWORK

Rappreżentati f'dik is-seduta li jkun imiss f'għeluq it-tlett (3) ijiem minn meta jkun ingħata l-istess rapport.

*It-tieni faċċata, t-tmin paragrafu*

L-ebda emenda proposta.

*It-tielet faċċata, l-ewwel paragrafu*

Qed jiġi propost li dan il-paragrafu jiġi emendat kif ġej:

Il-Bord ta' Inkjesta Pubblika jkollu s-setgħa li jaħtar dawk il-persuni li jidhirlu xierqa biex jassistuh fl-espletament tal-inkarigu fuq definit u fit-twettiq ta' din l-inkjesta, b'dan li għandu jassigura li kwalunkwe persuna maħtura tkun indipendenti u imparzjali.

*Paragrafi ġodda*

Għandhom jiżdiedu paragrafi ġodda li jaqraw:

Il-Bord ta' Inkjesta għandu aċċess għal dik l-informazzjoni kollha li l-Bord iqies relevanti għal qadi ta' dmirijietu, u li hija jew li tkun għand entitajiet ta' l-iStat.

Il-Bord ta' Inkjesta huwa tenut illi fi zmien sena mill-għeluq ufficcjali ta' din l-inkjesta pubblika, huwa jirredigi rapport addizzjonali sabiex jirrelata dwar l-implimentazzjoni o meno tar-rakkommandazzjonijiet minnu magħmula fir-rapport originali. Kopja ta' tali rapport addizzjonali għandha tigi komunikata lil Prim Ministru, li għandu l-obbligu li jippubblika l-istess rapport fi zmien tlett (3) ijiem mid-data meta jirċievi l-istess, u jqiegħed l-istess rapport fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti f'dik is-seduta li jkun imiss f'għeluq it-tlett (3) ijiem minn meta jkun ingħata kopja tal-istess rapport.

In konkluzjoni, il-familja qedgħin iressqu dawn il-proposti bil-għan li jassiguraw inkjesta pubblika li tkun tista' verament u effettivament twassal għal ġustizzja sħiha wara l-mewt ta' binhom Jean Paul. F'dan l-isfond, jistennew ir-reazzjoni tal-gvern għal dawn il-proposti.

Avv Therese Comodini Cachia

The PILN is funded by the Daphne Caruana Galizia Foundation, a registered non-profit advocacy and civil rights organization in Malta, with enrollment number VO/1633 and foundation number LPF-280.
contact@daphne.foundation